

Brussell, 8 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0422(COD)**

**15006/22
ADD 3**

**COPEN 409
DROIPEN 155
ENV 1209
JAI 1558
CODEC 1841**

NOTA

| | |
|------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | ST 14734/22, WK 16106/22 REV 1 |
| Nru dok. Cion: | ST 14459/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 2 COR 1 + ADD 3 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża u dik Bulgara |

Il-Finlandja u l-Bulgarija jippreżentaw id-dikjarazzjoni li ġejja għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li fiha ser jiġi kkunsidrat l-abbozz ta' Direttiva:

"Il-Finlandja u l-Bulgarija jappoġġaw bis-sħiħ l-oġġettivi tal-proposta għad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali. Madankollu, aħna nqisu li d-dispożizzjonijiet proposti tal-Artikolu 7 dwar il-multi li għandhom jiġu imposti fuq persuni ġuridiċi jikkostitwixxu armonizzazzjoni estensiva u dettaljata żżejjed tad-dritt kriminali. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet, fil-prattika, jaffettwaw ukoll b'mod sinifikanti l-kategoriji l-oħra kollha ta' reati mhux biss ir-reati ambjentali.

Il-Finlandja u l-Bulgarija huma tal-fehma li meta jkunu qed jitqiesu riformi ta' sinifikat prinċipali daqstant kbir fil-qasam tad-dritt kriminali tal-UE, huwa speċjalment importanti li jkunu msejsa fuq raġunijiet meqjusa kif xieraq u ta' ċerta portata u jiġu mħejjija b'reqqa kbira. Meta titqies il-hteġa li s-sanzjonijiet kriminali jiġu approssimati f'ċerti oqsma, jeħtieġ ukoll li jitqies li t-tradizzjonijiet legali jvarjaw bejn Stat Membru u ieħor. Fil-qasam tad-dritt kriminali, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-karatteristiċi speċjali u l-elementi fundamentali tas-sistemi nazzjonali jiġu rrispettati.

Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreservaw il-koerenza tas-sistemi penali nazzjonali tagħhom, hija meħtieġa ċerta flessibbiltà fl-approssimazzjoni tas-sanzjonijiet kriminali. Meta jiġu determinati livelli komuni ta' sanzjonijiet, għandha tingħata wkoll konsiderazzjoni xierqa lil-livell ġenerali ta' severità u koerenza tas-sistemi nazzjonali."
